**Il-kliem ħażin**

Kemm sar irħis li titkellem
Kif ġie ġie quddiem kulħadd,
L-aqwa li tgħid dak li jogħġbok
Qisek ma tkellem lil ħadd.

Imma mbagħad il-qrusa tikber
Ir-ruħ ġmielha titaqqal,
Il-ħażen mill-ilsien jinfed
Lill-qlub arah ibaqqan.

Tgħidlix għax studjajt bil-bosta
Jew għax int popolari,
Jekk il-kliem ħażin tħobb tlissnu
Jiżdingak, iġibek xahri.

Il-kliem ħażin kollu għadab
Hu l-lingwaġġ ta' denbu twil,
Li ma jiġix kollu kruha
Imma pulit, jaf imil.

Jilgħabha ta' bniedem sewwa
Imma int raġun tagħtihx,
Tbiegħed ħija mill-kliem ħażin
lix-xitan le la tpaxxihx.

Dak li studjajt u qed twassal
Meta magħdud b'prudenza,
Aktar jinżel fil-qlub ta' dawk
Li qed tkellem b'paċenzja.

Issa iskot, tgħallem isma'
Ħalli aktar jisimgħuk,
Lill-kliem ħażin qabdu 'l biebek
Biex lil fommok jammiraw.

Saħta, firda, ndannazzjoni
Hu l-kliem ta' min mhux ħanin,
Iddeċiedi darb'għal dejjem
Li ma titkellimx ħażin.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta' Settembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.